Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,751, 23 ta' Frar, 1999
Taqsima B

A.L. 45 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Ħażniet Kummerċjali) (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Ħażniet Kummerċjali) (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Ħażniet Kummerċjali), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 5 of 1999.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1999.

Iżid ir-regolament 5A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:–

"Ħażniet kummerċjali ta' oġġetti manifatturati lokalment miżmuma minn bejjiegħ bl-ingrossa.

5A. (1) Meta l-applikant ikun bejjiegħ bl-ingrossa u l-ħażniet kummerċjali jkunu jikkonsistu f'oġġetti manifatturati lokalment maħdumin kollha kemm huma jew fil-parti l-kbira tagħhom minn materja prima li fuqha tkun tħallset taxxa tas-sisa fuq importazzjoni, dak il-ħlas lura għandu jkun bir-rata ta' 5% tan-nefqa kif tidher fuq il-fattura, eskluża t-taxxa tas-sisa fuq prodotti mħallsa fuqhom.

(2) Applikazzjoni minn applikant li għalih jirreferi l-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, għandha ssir b'mod separat fuq il-formoli preskritti fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali u għandu jkun hemm

indikat fuqha b'mod ċar li tkun tirreferi għal ħażniet kummerċjali ta' oġġetti manifatturati lokalment li fuqhom tkun tħallset taxxa tas-sisa fuq importazzjonijiet. Il-valur tal-ħlas lura mitlub għandu jiġi mdaħħal minflok il-Kategorija F li tidher fuq l-ewwel faċċata ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-paragrafu (b) tar-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali il-kliem "u awditur" għandhom jitħassru.

Iżid ir-regolament 13A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:-

Għażla ta' ċertifikazzjoni.

13A. Minflok iċ-ċertifikazzjoni li għaliha jirreferi l-paragrafu (b) tar-regolamenti prinċipali, *certified public accountant* jista' jagħżel li jagħmel iċ-ċertifikazzjoni li ġejja:

"Skond il-paragrafu (b) tar-regolament 13 tar-Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Ħażniet Kummerċjali), jiena/aħna għamilt/għamilna verifikazzjoni u esercizzju ta' valutazzjoni fuq l-applikazzjoni hawn mehmuża.

Biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni ma fiha ebda skorrettezza materjali jiena/aħna għamilt/għamilna esercizzju skond l-*International Standards of Accounting and Auditing*. Dan l-esercizzju kien jinkludi il-kalkolu u l-prinċipju ta' konteġġi u stimi sinjifikanti magħmula mill-applikant, kif ukoll valutazzjoni tal-presentazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni. B'mod iżjed speċifiku, l-eżami tiegħi/tagħna kien jikkonsisti f'eżamijiet ta' kampjuni tal-eżistenza, titolu, nefqa, *cut off* u kategorizzazzjoni tal-ħażniet, u fuq il-kalkoli li jidhru f'dik l-applikazzjoni, kif ukoll eżami ta' jekk l-għadd ta' ħażniet dikjarat kienx raġonevoli b'mod ġenerali. Jien/aħna nemmen/nemmnu illi dan l-eżercizzju għandu jipprovdi bażi raġonevoli biex ikolli/ikollna fehma sew.

Fl-opinjoni tiegħi/tagħna din l-applikazzjoni intgħamlet skond il-provvidimenti tar-Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas lura ta' Taxxa tas-Sisa fuq Ħażniet Kummerċjali), u l-informazzjoni li tinsab f'dik l-applikazzjoni u fid-dikjarazzjonijiet mehmuża magħha jirriflettu il-pożizzjoni materjali ta' l-applikant.".".